*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-Kwistjoni tax-Xoghol*

*bejn:*

*Clinch Thomas*

*u*

*Air Malta Plc*

*Dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

*Kaz Nru 2405*

*Decizjoni numru 2197*

*Illum 25 ta' Jannar 2013.*

*Chairman: Avv Dr Joseph P Bonnici*

## Introduzzjoni

Illi l-appellant talab lil dan it- Tribunal jiddikjara li s-socjeta intimata kienet qed tiddiskrimina fil-konfront tieghu meta ma kienx qed jigi imhallas bhal ohrajn.

Da parti taghha, is-socjeta eccipiet in linea preliminari d-dekadenza tat-terminu ta' l-erbgha (4) xhur biex l-appellant seta' jippromwovi din l-azzjoni u fil-meritu li ma kienet qed issir l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tieghu.

Illi b' decizjoni preliminari moghtija fid- 09 ta' Frar 2011 , it-Tribunal cahad l-eccezzjoni preliminari u ordna l-prosegwiment tal-kaz biex jigi trattat u deciz.

**Provi**

Ir-rikorrent ta x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit prezentat fit-tnejn (2) ta' Mejju 2001. Stqarr li ghalkemm kellu l-grad ta' airport handler, kien jaghmel l-istess xoghol bhala 'loader'. Id-differenza kienet li l-loaders kienu jithallsu izjed. Dan huwa dak li kien qed jitlob bil-prezenti proceduri. Xehed fis-seduta tal- erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2011. Huwa kkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni prezentata fis- sitta u ghoxrin (26) ta' April 2006.

Godwin Xuereb u George Stellini kkonfermaw l-istess versjoni ta' fatti u lamenti.

Lawrence Zammit ikkonferma li s-socjeta intimata kien laqghet it-talba tar-rikorrent. Di fatti kien sar il-hlas ta' l-arretrati b' zewg pagamenti fi zmien sena.

Inoltre kienet saret klawsola fl-ittra tal-accettazzjoni li tistipula 'li l-pagament qed isir 'ex gratia' u t-tisrif tac-cekk, juri li qed jigi kkonfermat li ma baqa l-ebda pretensjoni dwar il-paga.' Ir-rikorrent baqa' jippretendi d-differenza fil-hlas ta' allowances.

## **Konsiderazzjonijiet**

Illi jirrizulta li l-pretensjonijiet tar-rikorrent gew ezawditi pero' mhux b' manjiera kompluta. Id-differenza fis-salarju giet rimedjata fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Baqa' jsostni pero' d-differenza ghal 'allowances' u 'overtime'. Gew mibghuta zewg ittri lir-rikorrent fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru 2009 u fid-dsatax (19) ta' Novembru 2008 mis-socjeta' intimata fejn gie stabbilit x'kien ser jircievi a saldu tal-pretensjoni tieghu.

Ir-rikorrent jaccetta li rcieva dawn l-ittri b' dik il-konsiderazzjoni billi gew minnu esibiti.

Jigi rilevat li bi ftit aktar carezza din il-pendenza kienet tigi ukoll solvuta. It-talba originali tar-rikorrent kienet identifikata mal-paga. Kien wara li thallas id-differenza fil-paga li beda jinsisti ghal 'allowance'/'overtime'.

Apparti li 'allowance'/'overtime' huwa parti accessorja ghal paga, r-rikorrent ma ghamel l-ebda riserva ghal dan meta fis-sena 2007, dan meta rcieva l-ewwel pagament u t-tieni pagament, ma saret l-ebda riferenza ghal xi oggezzjoni li setghet saret ghall-ittri fuq indikati. Ma gie esibit l-ebda dokument li jikkwalifika tali opposizzjoni u/jew

talba ulterjuri. Il-flus ma gewx ricevuti minghajr pregudizzju ghal pretensjonijiet ohra. L-aqwa li dahhal somma. Mhux hekk biss, izda una volta li tali arrangjament intlahaq fil-mori ta' dawn il-proceduri, messha saret ukoll riferenza ghalihom biex dawn jigu ceduti ukoll mir-rikorrent.

L-intendiment tal-ahhar paragrafu kien li l-pagament kien ser isir a saldu ta' kull pretensjoni relatata mal-paga. Ir-rikorrent accetta tali konsiderazzjoni. Ma hemmx lok aktar ghal xi lament tieghu iehor.

## Konkluzjoni

Illi t-Tribunal jiddeciedi billi jiddikjara li meta sar l-pagament mis-socjeta' intimata l-istess pagament kien sar a saldu ta' kull pretensjoni u ghalhekk ma baqghalu l-ebda pretensjoni ohra mill-istess socjeta' intimata.

Drittijiet qed jigu ntaxxati fis-somma ta' hamsa u erbghin Euro (€45).

**(iffirmat)**
**Dr Joseph P Bonnici**
***Chairman.***

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**